# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 101

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 59

16 ta' April 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*


FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/581 tal-11 ta' April 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea** ..... 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/582 tal-15 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 333/2007 fir-rigward tal-analiżi tal-arseniku inorganiku, taċ-ċomb u tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u ta' ċerti kriterji ta' prestazzjoni għall-analiżi** ([1]) ..... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/583 tal-15 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1332/2011 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru** ([1]) ..... 7

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/584 tal-15 ta' April 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 10

DIRETTIVI

★ **Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/585 tat-12 ta' Frar 2016 li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb, il-kadmju, il-kromju eżavalenti u l-eteri tad-difenil polibromurat (PBDE) fil-parts tal-bdil irkuprati minn u użati għat-tiswija jew ir-rinnovament ta' mezzi mediċi jew mikroskopji tal-elettroni** ([1]) ..... 12


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/586 tal-14 ta' April 2016 dwar l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi** *(notifikat bid-dokument C(2016) 2093)* [1] ........ 15

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/587 tal-14 ta' April 2016 dwar l-approvazzjoni tat-teknoloġija użata fis-sistema ta' illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja tal-vetturi li tuża dijodi li jemettu d-dawl bħala teknoloġija innovattiva biex jonqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1] ........ 17

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/588 tal-14 ta' April 2016 dwar l-approvazzjoni tat-teknoloġija użata fl-alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 Volts bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1] ........ 25


---

**Rettifika**


★ **Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fejn is-sistemi rilevanti għadhom ma sarux operazzjonali u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446** (ĠU L 69, 15.3.2016) ........ 33


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/581

**tal-11 ta' April 2016**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Lulju 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati ma' ċerti Membri oħrajn tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ skont l-Artikolu XXIV:6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, fil-kuntest tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni fil-qafas tad-direttivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill.

(3) Dawk in-negozjati ġew konklużi u Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ġie inizjalat fit-18 ta' Diċembru 2015.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII ta' GATT 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni t' dak il-Ftehim ([1]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

([1]) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-11 ta' April 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M.H.P. VAN DAM

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/582

**tal-15 ta' April 2016**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 333/2007 fir-rigward tal-analiżi tal-arseniku inorganiku, taċ-ċomb u tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u ta' ċerti kriterji ta' prestazzjoni għall-analiżi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 ([2]) jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel

(2) Il-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([3]). Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1006 ([4]) emenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 biex jistabbilixxi l-livelli massimi ta' arseniku inorganiku, u għalhekk huwa xieraq li jiġu stipulati proċeduri speċifiċi relatati mal-analiżi għall-arseniku inorganiku.

(3) L-istandard EN 13804 relatat mad-determinazzjoni tal-elementi u tal-ispeċi kimika tagħhom ġie aġġornat, u għaldaqstant huwa xieraq li r-referenza għal dak l-istandard tiġi aġġornata skont dan.

(4) Il-livelli massimi ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) fiż-żerriegħa tal-kawkaw u fil-prodotti dderivati jridu jkunu stabbiliti abbażi tax-xaħam. It-testijiet tal-profiċjenza mwettqa mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-PAH jindikaw diverġenzi fid-determinazzjoni tal-kontenut tax-xaħam. Għalhekk, huwa xieraq li l-approċċ għad-determinazzjoni tal-kontenut tax-xaħam jiġi armonizzat.

(5) Fuq parir tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-metalli tqal fl-għalf u fl-ikel, huwa xieraq li jiġu emendati d-definizzjoni tal-limitu ta' kwantifikazzjoni u l-kriterji ta' prestazzjoni marbuta mal-limitu ta' identifikazzjoni għall-metodi ta' analiżi għaċ-ċomb, għall-kadmju, għall-merkurju u għal-landa inorganika.

(6) Huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet marbuta mal-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi japplikaw ukoll 'il barra mill-qafas tal-kontrolli uffiċjali.

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1006 tal-25 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' arseniku inorganiku fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 161, 26.6.2015, p. 14).

(7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 għandu jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu jinbidel b'dan li ġej:

**"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikroelementi u ta' kontaminanti tal-ipproċessar fl-oġġetti tal-ikel";**

(2) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. It-teħid ta' kampjuni u l-analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' ċomb, ta' merkurju, ta' landa inorganika, ta' arseniku inorganiku, ta' 3-MCPD u ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi ("PAH") elenkati fit-Taqsimiet 3, 4 u 6 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandhom jitwettqu skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.";

(3) L-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 333/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt C.2.2.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"C.2.2.1. **Proċeduri speċifiċi għaċ-ċomb, għall-kadmju, għall-merkurju, għal-landa inorganika u għall-arseniku inorganiku**

L-analista għandu jiżgura li l-kampjuni ma jiġux ikkontaminati waqt it-tħejjija tal-kampjuni. Kull meta jkun possibbli, l-apparat u t-tagħmir li jiġi f'kuntatt mal-kampjun ma għandux ikun fihom dawk il-metalli li jridu jiġu ddeterminati u għandhom ikunu magħmula minn materjali inerti, pereżempju plastik bħal polipropilen, politetrafluworoetilen (PTFE), eċċ. Dawn għandhom jitnaddfu bl-aċidu sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni. Għax-xfafar jista' jintuża azzar li ma jissaddadx ta' kwalità għolja.

Hemm bosta proċeduri speċifiċi sodisfaċenti ta' tħejjija tal-kampjuni li jistgħu jintużaw għall-prodotti kkonċernati. Għal dawk l-aspetti li mhumiex koperti speċifikament b'dan ir-Regolament, l-Istandard tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) "Oġġetti tal-ikel. Determinazzjoni tal-elementi u tal-ispeċi kimika tagħhom. Kunsiderazzjonijiet ġenerali u rekwiżiti speċifiċi" (*) jitqies li huwa sodisfaċenti iżda metodi oħra ta' tħejjija tal-kampjun jistgħu ikunu daqstant validi.

Fil-każ tal-landa inorganika, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-materjal kollu jittieħed f'soluzzjoni peress li huwa magħruf li faċilment isir telf, b'mod partikolari minħabba l-idroliżi, li bħala riżultat tagħha tinħoloq l-ispeċi ossida ta' Sn(IV) idratata u insolubbli.

(*) L-istandard EN 13804:2013, "Oġġetti tal-ikel. Determinazzjoni tal-elementi u tal-ispeċi kimika tagħhom. Kunsiderazzjonijiet ġenerali u rekwiżiti speċifiċi", CEN, Rue de Stassart 36, B-1050 Bruxelles/Brussell."

(2) Fil-punt C.2.2.2 Proċeduri speċifiċi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, jinżdied il-paragrafu li ġej:

"Għall-analiżi tal-PAH fil-kawkaw u fil-prodotti dderivati mill-kawkaw, id-determinazzjoni tal-kontenut tax-xaħam titwettaq skont il-metodu uffiċjali Nru 963.15 tal-Metodi Uffiċjali ta' Analiżi (AOAC) għad-determinazzjoni tal-kontenut tax-xaħam fiż-żerriegħa tal-kawkaw u fil-prodotti dderivati. Jistgħu jiġu applikati proċeduri ekwivalenti ta' determinazzjoni tax-xaħam li fihom ikun jista' jintwera li l-proċedura ta' determinazzjoni tax-xaħam li tkun intużat tipprovdi valur indaqs (ekwivalenti) ta' kontenut tax-xaħam."

(3) Fil-punt C.3.1 Definizzjonijiet, id-definizzjoni ta' LOQ hija sostwita b'dan li ġej:

"'LOQ' = Limitu ta' kwantifikazzjoni, l-iżjed kontenut baxx ta' analita li jista' jitkejjel b'ċertezza statistika raġonevoli. Jekk kemm l-eżattezza kif ukoll il-preċiżjoni jkunu kostanti f'firxa ta' konċentrazzjoni madwar il-limitu ta' identifikazzjoni, allura l-limitu ta' kwantifikazzjoni jkun numerikament daqs 10 darbiet id-devjazzjoni standard tal-medja tad-determinazzjonijiet b'matriċi vojta ($n > 20$)."

(4) Fil-punt C.3.3.1 Kriterji ta' prestazzjoni, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Kriterji ta' prestazzjoni għall-metodi ta' analiżi għaċ-ċomb, għall-kadmju, għall-merkurju, għal-landa inorganika u għall-arseniku inorganiku

*Tabella 5*

| Parametru | Kriterju |
|---|---|
| Applikabbiltà | Ikel speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 |
| Speċifiċità | Mingħajr interferenzi matriċi jew spettrali |
| Ripetibbiltà ($RSD_r$) | $HORRAT_r$ inqas minn 2 |
| Riproduċibbiltà ($RSD_R$) | $HORRAT_R$ inqas minn 2 |

| Parametru | Kriterju | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Irkupru | Japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt D.1.2 | | | | |
| LOD | = tliet għexieren ta' LOQ | | | | |
| LOQ | Landa inorganika | ≤ 10 mg/kg | | | |
| | Ċomb | ML ≤ 0,01 mg/kg | 0,01 < ML ≤ 0,02 mg/kg | 0,02 < ML < 0,1 mg/kg | ML ≥ 0,1 mg/kg |
| | | ≤ ML | ≤ żewġ terzi tal-ML | ≤ tnejn minn ħamsa tal-ML | ≤ wieħed minn ħamsa tal-ML |
| | Kadmju, merkurju, arseniku inorganiku | ML huwa < 0,100 mg/kg | | ML huwa ≥ 0,100 mg/kg | |
| | | ≤ tnejn minn ħamsa tal-ML | | ≤ wieħed minn ħamsa tal-ML" | |

(5) Il-punt C.3.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"C.3.2. **Rekwiżiti ġenerali**

Il-metodi ta' analiżi li jintużaw għall-finijiet ta' kontroll tal-ikel għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Il-metodi ta' analiżi għal-landa totali huma xierqa għall-kontroll dwar il-livelli ta' landa inorganika.

Għall-analiżi taċ-ċomb fl-inbid, japplikaw il-metodi u r-regoli stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) (*), f'konformità mal-Artikolu 80(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (**).

Il-metodi ta' analiżi għal-landa totali huma xierqa għall-finijiet ta' skrinjar għall-kontroll dwar il-livelli ta' arseniku inorganiku. Jekk il-konċentrazzjoni totali ta' arseniku tkun taħt il-livell massimu ta' arseniku inorganiku, mhu meħtieġ ebda ttestjar iktar u l-kampjun jitqies li huwa konformi mal-livell massimu ta' arseniku inorganiku. Jekk il-konċentrazzjoni totali ta' arseniku tkun daqs il-livell massimu ta' arseniku inorganiku jew ogħla minnu, irid jitwettaq ittestjar ta' segwitu sabiex jiġi ddeterminat jekk il-konċentrazzjoni tal-arseniku inorganiku hijiex ogħla mil-livell massimu ta' arseniku inorganiku.

(*) Organisation internationale de la vigne et du vin.

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671)."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/583

## tal-15 ta' April 2016

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1332/2011 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 8(5), u 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1332/2011 ([2]) jirrikjedi li ajruplani li jaħdmu b'magna b'turbina, b'massa massima ċċertifikata waqt it-tluq (MCTOM) ta' iktar minn 5 700 kg, jew li huma awtorizzati li jġorru aktar minn 19-il passiġġier, għandhom jiġu mgħammra bil-verżjoni l-ġdida 7.1 tas-softwer tas-sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ACAS II) biex jiġu evitati kolliżjonijiet fl-ajru. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għall-operaturi ta' ċerti ajruplani reġistrati f'pajjiż terz.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1332/2011 jirrikejdi li anki l-operaturi tal-ajru tal-Unjoni li huma suġġetti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([3]) jinstallaw il-verżjoni l-ġdida 7.1 tas-softwer tal-ACAS II fuq l-ajruplani tagħhom. Madankollu, din id-dispożizzjoni hija skaduta għaliex ir-Regolament (KEE) Nru 3922/91 ma għadux japplika għal dawk l-operaturi minn mindu tħassar l-Anness III. Minflok, għal dawn l-operaturi issa japplika r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([4]) u fih ir-regoli meħtieġa f'dan ir-rigward. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet skaduti fir-Regolament (UE) Nru 1332/2011 għandhom jitħassru.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1332/2011 fih regoli dwar il-proċeduri operattivi applikabbli f'sitwazzjonijiet fejn l-ACAS II jagħti indikazzjoni lill-ekwipaġġ tat-titjira b'suġġeriment ta' manuvrar biex tiġi żgurata s-separazzjoni tal-ajruplan mit-theddid kollu jew biex tinżamm is-separazzjoni eżistenti (riżoluzzjoni konsultattiva). Billi dawk ir-regoli huma kritiċi għas-sikurezza kemm għall-piloti u kemm għall-kontrolluri, speċjalment rigward l-interazzjoni ta' bejniethom, dawn huma indirizzati aħjar fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 ([5]) minflok. Għalhekk, ir-regoli relatati ma' proċeduri operattivi ta' dan it-tip stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1332/2011 għandhom jitħassru.

(4) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 1332/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni ([6]) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni f'konformità mal-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

---

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1332/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ĠU L 336, 20.12.2011, p. 20).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizazzjoni tal-ħtiġijiet teknici u proceduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni civili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1).

([6]) L-Opinjoni tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Nru 4/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 għall-emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru (SERA Parti C).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 1332/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 jitħassar;

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafi 2 u 3 huma jinbidlu b'dan li ġej:

"2. L-Artikolu 3 japplika mill-1 ta' Marzu 2012.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, fil-każ ta' inġenju tal-ajru b'ċertifikat individwali tal-ajrunavigabbilità maħruġ qabel l-1 ta' Marzu 2012, l-Artikolu 3 għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2015.";

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-25 ta' Awwissu 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

*"ANNESS*

## Sistemi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ACAS) II

(Parti-ACAS)

### AUR.ACAS.1005 Rekwiżit tal-prestazzjoni

(1) L-ajruplani bil-magna mħaddma bit-turbini li ġejjin għandhom ikunu mgħammra bil-verżjoni 7.1 tas-sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet tal-ACAS II:

(a) ajruplani b'massa tat-tlugħ iċċertfikata massima li taqbeż 5 700 kg;

(b) ajruplani awtorizzati biex iġorru iktar minn 19-il passiġġier.

(2) L-inġenji tal-ajru mhux imsemmija fil-punt (1) li huma mgħammra bl-ACAS II fuq bażi volontarja għandu jkollhom il-verżjoni 7.1 tas-sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet.

(3) Il-punt (1) ma għandux japplika għal sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

### AUR.ACAS.1010 Taħriġ tal-ACAS II

L-operaturi għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operattivi u l-programm tat-taħriġ tal-ACAS II biex l-ekwipaġġ tat-titjira jkun imħarreġ b'mod xieraq fl-evitar ta' kolliżjonijiet u jsir kompetenti fl-użu tat-tagħmir tal-ACAS II."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/584

## tal-15 ta' April 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 279,2 |
| | MA | 93,6 |
| | SN | 175,5 |
| | TR | 94,1 |
| | ZZ | 160,6 |
| 0707 00 05 | MA | 80,7 |
| | TR | 119,1 |
| | ZZ | 99,9 |
| 0709 93 10 | MA | 94,0 |
| | TR | 137,2 |
| | ZZ | 115,6 |
| 0805 10 20 | EG | 48,6 |
| | IL | 77,8 |
| | MA | 55,6 |
| | TR | 38,9 |
| | ZZ | 55,2 |
| 0808 10 80 | AR | 89,5 |
| | BR | 98,6 |
| | CL | 121,6 |
| | CN | 131,9 |
| | US | 155,0 |
| | ZA | 81,6 |
| | ZZ | 113,0 |
| 0808 30 90 | AR | 102,2 |
| | CL | 106,8 |
| | CN | 90,5 |
| | ZA | 111,1 |
| | ZZ | 102,7 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/585

### tat-12 ta' Frar 2016

### li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb, il-kadmju, il-kromju eżavalenti u l-eteri tad-difenil polibromurat (PBDE) fil-parts tal-bdil irkuprati minnn u użati għat-tiswija jew ir-rinnovament ta' mezzi mediċi jew mikroskopji tal-elettroni

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb, tal-kadmju, tal-kromju eżavalenti u tal-eteri tad-difenil polibromurat (PBDE) fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.

(2) Hemm stabbiliti prattiki ta' rinnovament għat-tagħmir tal-immaġini bħat-tagħmir tal-produzzjoni tal-immaġni bir-reżonanza manjetika, l-apparat tat-tomografija bil-kompjuter, il-mezzi dijanjostiċi in vitro, l-apparat għall-monitoraġġ tal-pazjenti u l-mikroskopji tal-elettroni. Xi wħud mill-parts tal-bdil irkuprati użati mill-ġdid għar-rinnovament ikun fihom ammonti żgħar ta' ċomb, kadmju, kromju eżavalenti, jew PBDE.

(3) L-eżenzjoni stipulata fil-punt 31 tal-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE ma tippermettix l-użu tal-parts ta' bdil irkuprati minn tagħmir użat li ma kienx diġà mqiegħed fis-suq tal-Unjoni u għaldaqstant tillimita d-disponibilità tal-parts ta' bdil irkuprati.

(4) Tqabbil tal-impatti ambjentali tal-użu tal-parts rinnovati f'tali każijiet mal-impatti ambjentali tas-sostituzzjoni tal-parts rinnovati ma' oħrajn ġodda juri li t-total tal-impatti negattivi tas-sostituzzjoni fuq l-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi huma ikbar mill-benefiċċji totali tagħha.

(5) Meta wieħed iqis li r-restrizzjoni tas-sustanza se tibda japplika fuq tagħmir differenti kkonċernat f'dati differenti kif previst fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2011/65/UE, għandha tiġi stabbilita data ta' skadenza differenti għall-eżenzjoni għal kull tip ta' tagħmir.

(6) Id-Direttiva 2011/65/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(7) Biex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr skossi għall-operaturi tas-suq mid-dispożizzjonijiet l-qodma għad-dispożizzjonijiet proposti u biex jiġi evitat tfixkil tas-suq uniku, huwa xieraq li tiġi stabbilita data għall-applikazzjoni simultanja mill-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom li tipprovdi wkoll perjodu raġonevoli ta' żmien wara d-data tat-traspożizzjoni.

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mit-28 ta' Frar 2017, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mis-6 ta' Novembru 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/EU tiġi emendata kif ġej:

(1) Il-punt 31 jitħassar.

(2) Jiżdied il-punt 31*a* li ġej:

"31*a*. Iċ-ċomb, il-kadmju, il-kromju eżavalenti u l-eteri tad-difenil polibrominati (PBDE) fil-parts tal-bdil irkuprati minn u użati għat-tiswija jew ir-rinnovament tal-mezzi mediċi, inklużi l-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro, jew il-mikroskopji tal-elettroni u l-aċċessorji tagħhom, bil-kundizzjoni li dan l-użu mill-ġdid iseħħ f'sistemi ta' rkupru bejn negozju u ieħor f'ċiklu magħluq u verifikabbli, u li kull użu mill-ġdid tal-parts jiġi nnotifikat lill-konsumatur.

Tiskadi:

(a) fil-21 ta' Lulju 2021 għall-użu tal-mezzi mediċi għajr il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro;

(b) fil-21 ta' Lulju 2023 għall-użu fil-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro;

(c) fil-21 ta' Lulju 2024 għall-użu fil-mikroskopji tal-elettroni u l-aċċessorji tagħhom."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/586

**tal-14 ta' April 2016**

**dwar l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi**

*(notifikat bid-dokument C(2016) 2093)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(13) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 20(3)(g) tad-Direttiva 2014/40/UE jesiġi li l-Istati Membri jiżguraw li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika tagħhom ikollhom mekkaniżmu li jiżgura li jimtlew mill-ġdid bla ma jnixxu.

(2) L-Artikolu 20(13) tad-Direttiva 2014/40/UE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

(3) Minħabba t-tossiċità tal-likwidi li fihom in-nikotina użati fis-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika, huwa xieraq li jiġi żgurat li s-sigaretti elettroniċi jkunu jistgħu jerġgħu jimtlew b'mod li jimminimizza r-riskju li dawn il-likwidi jmissu mal-ġilda u jinbelgħu bi żball.

(4) Abbażi tar-rispons tal-partijiet interessati u ħidmet kuntrattur estern, ġew identifikati standards tekniċi maħsuba biex jiżguraw li l-mekkaniżmi tar-rikarika konformi jipprovdu protezzjoni adegwata kontra t-tnixxija.

(5) L-istandards tekniċi identifikati jinkludu wkoll miżuri li jiżguraw li l-konsumaturi jkunu infurmati kif xieraq dwar kif joperaw il-mekkaniżmi tar-rikarika sabiex jiġi żgurat li l-mili mill-ġdid isir bla tnixxija.

(6) Il-partijiet interessati jaf ikunu jixtiequ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar mekkaniżmi alternattivi li jkunu żviluppaw biex jiżguraw mili mill-ġdid bla tnixxija, u dan jista' jwassal biex din id-Deċiżjoni tiġi riveduta.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/40/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi manifatturati jew importati fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.

*Artikolu 2*

**Rekwiżiti għall-mekkaniżmu tar-rikarika**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika jitqiegħdu fis-suq biss jekk il-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jinvolvi l-użu ta' kontenitur tar-rikarika b'tagħmir imwaħħal sew ta' żennuna twila mill-inqas 9 mm, li tkun idjaq mill-fetħa tat-tank tas-sigaretti elettroniċi li tintuża magħhom u li tidħol fiha bla diffikultà filwaqt li jkollha mekkaniżmu li jikkontrolla l-fluss li ma jitfax iktar minn 20 qatra tal-likwidu tal-mili mill-ġdid kull minuta meta jitqiegħed b'mod vertikali u jkun suġġett għal pressjoni atmosferika biss ta' 20 °C ± 5 °C;

(b) dan jopera permezz ta' sistema ta' dokkjar li jirrilaxxa l-likwidi ta' rikarika biss fit-tank tas-sigarett elettroniku meta s-sigarett elettroniku u l-kontenitur tar-rikarika jkunu konnessi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika jinkludu struzzjonijiet xierqa dwar il-mili mill-ġdid, inklużi dijagrammi, bħala parti tal-istruzzjonijiet għall-użu stipulati mill-Artikolu 20(4)(a)(i) tad-Direttiva 2014/40/UE.

Is-sigaretti elettroniċi li jimtlew mill-ġdid u l-kontenituri tar-rikarika b'mekkaniżmu tar-rikarika tat-tip imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandhom jindikaw kemm hi wiesgħa ż-żennuna jew il-fetħa tat-tank fl-istruzzjonijiet għall-użu b'mod li jippermetti lill-konsumaturi jidentifikaw il-kompatibbiltà tas-sigaretti elettroniċi mal-kontenituri tar-rikarika.

Is-sigaretti elettroniċi li jimtlew mill-ġdid u l-kontenituri tar-rikarika b'mekkaniżmu tar-rikarika tat-tip imsemmi fil-paragrafu 1(b) għandhom jispeċikaw, fl-istruzzjonijiet dwar l-użu, it-tipi tas-sistemi ta' dokkjar li magħhom ikunu kompatibbli t-tali sigaretti elettroniċi u kontenituri tar-rikarika.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/587**

**tal-14 ta' April 2016**

**dwar l-approvazzjoni tat-teknoloġija użata fis-sistema ta' illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja tal-vetturi li tuża dijodi li jemettu d-dawl bħala teknoloġija innovattiva biex jonqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjoni li ġiet imressqa mill-manifattur Mazda Motor Europe GmbH fis-7 ta' Lulju 2015 għall-approvazzjoni ta' illuminazzjoni bl-użu ta' dijodi li jemettu d-dawl (LED), u l-applikazzjoni li ġiet imressqa minn Honda fit-8 ta' Jannar 2016 għall-approvazzjoni ta' illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja li tuża dijodi li jemettu d-dawl ġew ivvalutati skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 [2] u skont il-Linji Gwida Tekniċi għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009.

(2) L-informazzjoni li nbagħtet fl-applikazzjonijiet ta' Mazda u Honda turi li l-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u fl-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 ġew issodisfati. Bħala riżultat, l-illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja tal-vetturi li tuża LEDs ta' Mazda u Honda għandha tiġi approvata bħala teknoloġija innovattiva.

(3) Bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2014/128/UE [3], (UE) 2015/206 [4] u (UE) 2016/160 [5], il-Kummissjoni approvat tliet applikazzjonijiet b'rabta ma' teknoloġiji li jikkontribwixxu lejn it-titjib tal-effiċjenza ta' sistemi ta' illuminazzjoni esterna. Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba mill-valutazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll mill-applikazzjonijiet Mazda u Honda, intwera b'mod sodisfaċenti u konklużiv li illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja li tuża LEDs li tinkludi kombinament xieraq ta' dwal LED esterni ta' effiċjenza għolja bħall-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi, il-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin, il-fanali ta' quddiem, il-fanali ta' quddiem kontra ċ-ċpar, il-fanali ta' wara kontra ċ-ċpar, id-dwal tal-indikaturi ta' quddiem, id-dwal tal-indikaturi ta' wara, id-dwal tal-pjanċi u d-dwal tar-rivers jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011, u jipprovdu tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' mill-inqas 1 g ta' $CO_2$/km meta mqabbel ma' pakkett ta' illuminazzjoni esterna ta' referenza li jinkludi l-istess kombinament ta' dwal tal-vetturi.

(4) Għaldaqstant, huwa xieraq li l-manifatturi jingħataw il-possibbiltà li jiċċertifikaw l-iffrankar ta' $CO_2$ minn illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja li tuża LEDs li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li jkunu biss sistemi ta' illuminazzjoni esterna li jużaw LEDs u li huma konformi ma' dawk il-kundizzjonijiet li jiġu proposti għal ċertifikazzjoni, il-manifattur għandu jipprovdi rapport ta' verifika minn korp ta' verifika indipendenti li jikkonferma l-konformità flimkien mal-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni ppreżentata lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip.

[1] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal- 25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/128/UE tal-10 ta' Marzu 2014 dwar l-approvazzjoni tal-modulu LED bir-raġġ baxx "E-Light" bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 70, 11.3.2014, p. 30).

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/206 tad-9 ta' Frar 2015 dwar l-approvazzjoni tad-dawl effiċjenti fuq barra tad-Daimler AG bl-użu ta' dijodi li jemettu d-dawl bħala teknoloġija innovattiva biex jonqsu l-emissjonijiet tad-$CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 10.2.2015, p. 52).

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/160 tal-5 ta' Frar 2016 dwar l-approvazzjoni tas-sistema ta' illuminazzjoni esterna effiċjenti tat-Toyota Motor Europe li tuża dijodi li jemettu d-dawl bħala teknoloġija innovattiva biex jonqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 31, 6.2.2016, p. 70).

(5) Jekk l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tqis li s-sistema ta' illuminazzjoni li tuża LEDs ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni, l-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar għandha tiġi miċħuda.

(6) Huwa xieraq li l-metodoloġija tal-ittestjar tiġi approvata biex jiġi ddeterminat l-iffrankar ta' $CO_2$ minn sistemi ta' illuminazzjoni esterna li jużaw LEDs.

(7) Sabiex jiġi ddeterminat l-iffrankar ta' $CO_2$ minn sistema ta' illuminazzjoni esterna li tuża LEDs, jeħtieġ li tiġi stabbilita t-teknoloġija ta' referenza li magħha għandu jsir tqabbil u skont liema għandha tiġi evalwata l-effiċjenza tas-sistema ta' illuminazzjoni li tuża LEDs. Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba, ikun xieraq li s-sistemi ta' illuminazzjoni tal-aloġenu jitqiesu bħala t-teknoloġija ta' referenza.

(8) L-iffrankar minn illuminazzjoni esterna li tuża LEDs jista' jintwera parzjalment permezz tat-test imsemmi fl-Anness XII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 ([1]). Għalhekk jeħtieġ li jiġi żgurat li din il-kopertura parzjali tiġi kkunsidrata fil-metodoloġija tgħall-ittestjar tal-iffrankar tas-$CO_2$ minn illuminazzjoni esterna li tuża LEDs.

(9) Sabiex jiġi ffaċilitat użu usa' ta' illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja li tuża LEDs f'vetturi ġodda, manifattur għandu jkollu wkoll il-possibbiltà li japplika għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' $CO_2$ minn diversi sistemi ta' illuminazzjoni esterna li tuża LEDs b'applikazzjoni waħda ta' ċertifikazzjoni. Madankollu, huwa xieraq li jiġi żgurat li fejn tintuża din il-possibbiltà jiġi applikat mekkaniżmu li jinċentiva l-użu esklussiv ta' dawk is-sistemi ta' illuminazzjoni esterna li tuża LEDs li joffru l-ogħla effiċjenza.

(10) Bil-għan li jiġi ddeterminat il-kodiċi tal-ekoinnovazzjoni ġenerali li għandu jintuża fid-dokumenti rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip skont l-Annessi I, VIII u IX tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għandu jiġi speċifikat il-kodiċi individwali li jrid jintuża għat-teknoloġija innovattiva għas-sistemi ta' illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja li tuża LEDs,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni**

It-teknoloġija użata fid-dijodi li jemettu d-dawl (LEDs) Mazda u fis-sistema ta' illuminazzjoni bl-LEDs Honda hija approvata bħala teknoloġija innovattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

*Artikolu 2*

**Applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' $CO_2$**

1. Il-manifattur jista' japplika għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' $CO_2$ minn sistema waħda jew aktar ta' illuminazzjoni esterna li tuża LEDs maħsuba għall-użu f'vetturi $M_1$ li jinkludu wieħed jew kombinament tat-tipi ta' illuminazzjoni b'LED li ġejjin,

(a) il-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi;

(b) il-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin;

(c) il-fanali ta' quddiem;

(d) il-fanali ta' quddiem kontra ċ-ċpar;

(e) il-fanali ta' wara kontra ċ-ċpar;

(f) id-dwal tal-indikaturi ta' quddiem;

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

(g) id-dwal tal-indikaturi ta' wara;

(h) id-dwal tal-pjanċi;

(i) id-dwal tar-rivers.

Id-dawl LED jew il-kombinament ta' dwal LED li jiffurmaw l-illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja tal-vetturi li tuża LEDs għandhom, bħala minimu, jipprovdu t-tnaqqis ta' $CO_2$ speċifikat fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 725/2011.

2. Applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar minn sistema waħda jew aktar ta' illuminazzjoni esterna li tuża LEDs għandha tkun akkumpanjata minn rapport ta' verifika indipendenti li jiċċertifika li dik jew dawk is-sistemi ta' illuminazzjoni b'LED hija jew huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tiċħad l-applikazzjoni għal ċertifikazzjoni jekk issib li sistema waħda jew aktar ta' illuminazzjoni esterna li tuża LEDs mhijiex jew mhumiex konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

**Ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' $CO_2$**

1. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-użu ta' illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja tal-vetturi li tuża LEDs imsemmija fl-Artikolu 2(1) għandu jiġi kkalkulat permezz tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness.

2. Meta manifattur jippreżenta applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' $CO_2$ minn diversi sistemi ta' illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja msemmija fl-Artikolu 2(1) fir-rigward ta' verżjoni waħda ta' vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tiddetermina liema mis-sistemi ta' illuminazzjoni esterna ta' effiċjenza għolja li tuża LEDs li ġiet ittestjata trendi l-inqas iffrankar ta' $CO_2$, u għandha tirreġistra l-aktar valur baxx fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip rilevanti. Dak il-valur għandu jkun indikat fiċ-ċertifikat ta' konformità skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011.

*Artikolu 4*

**Kodiċi tal-ekoinnovazzjoni**

Il-kodiċi tal-ekoinnovazzjoni Nru 19 għandu jiddaħħal fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip meta ssir referenza għal din id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**IL-METODOLOĠIJA BIEX JIĠI KKALKULAT L-IFFRANKAR TAS-$CO_2$ MINN ILLUMINAZZJONI ESTERNA TAL-VETTURI BL-UŻU TA' DIJODI LI JEMETTU D-DAWL (LEDS).**

1. INTRODUZZJONI

Sabiex jiġi stabbilit it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ li jista' jiġi attribwit lil pakkett ta' dwal LED esterni ta' effiċjenza għolja li jikkonsisti minn kombinament xieraq ta' dwal tal-vetturi imsemmija fl-Artikolu 2 għall-użu f'vettura tat-tip $M_1$, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dawn li ġejjin:

(1) Il-kundizzjonijiet tal-ittestjar;

(2) It-tagħmir tat-testijiet;

(3) Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija;

(4) Il-kalkolu tal-iffrankar tas-$CO_2$;

(5) Il-kalkolu tal-iżball statistiku.

2. SIMBOLI, PARAMETRI U UNITAJIET

**Simboli bil-Latin**

$C_{CO_2}$ — Iffrankar totali tas-$CO_2$ [g $CO_2$/km]

$CO_2$ — Diossidu tal-karbonju

CF — Il-fattur ta' konverżjoni (l/100 km) — (g $CO_2$/km) [g $CO_2$/l] kif iddefinit fit-Tabella 3

m — In-numru ta' dwal LED esterni ta' effiċjenza għolja li jiffurmaw il-pakkett

n — In-numru ta' kemm il darba tkejjel il-kampjun

P — Il-konsum tal-enerġija mid-dwal tal-vettura [W]

$S_{P_{EI}}$ — Id-devjazzjoni standard tal-konsum ta' enerġija mid-dwal LED [W]

$S_{\overline{P_{EI}}}$ — Id-devjazzjoni standard tal-medja tal-konsum ta' enerġija mid-dwal LED [W]

$S_{C_{CO_2}}$ — Id-devjazzjoni standard tal-iffrankar totali tas-$CO_2$ [g $CO_2$/km]

UF — Il-fattur tal-użu [-] kif definit fit-Tabella 4

v — Il-veloċità medja tas-sewqan taċ-Ċiklu tas-Sewqan Ewropew il-Ġdid (NEDC) [km/h]

$V_{Pe}$ — Il-konsum tal-enerġija effettiva [l/kWh] kif iddefinit fit-Tabella 2

$\frac{\partial C_{CO_2}}{\partial P_{EI}}$ — Is-sensittività tal-iffrankar tas-$CO_2$ ikkalkulat b'rabta mal-konsum ta' enerġija mid-dwal LED

**Simboli Griegi**

$\Delta$ — Id-differenza

$\eta_A$ — L-effiċjenza tal-alternatur [%]

**Simboli miktubin taħt il-vers**

L-indiċi (i) jirreferi għad-dwal tal-vettura

L-indiċi (j) jirreferi għall-kejl tal-kampjun

EI — Eko-innovattiv

RW — Il-kundizzjonijiet tal-ħajja reali

TA — Il-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip

B — Ix-xenarju ta' referenza

3. IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-ITTESTJAR

Il-kundizzjonijiet tal-ittestjar għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament NU/EKE Nru 112 ([1]) dwar dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jemettu raġġ baxx assimetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn u mgħammra b'fanali tal-filament u/jew moduli tad-dijodi li jemettu d-dawl (LED). Il-konsum tal-enerġija għandu jiġi kkalkulat skont il-punt 6.1.4. tar-Regolament NU/EKE Nru 112 u l-punti 3.2.1 u 3.2.2 tal-Anness 10 tal-istess Regolament.

4. TAGĦMIR TAT-TEST

Għandu jintuża t-tagħmir li ġej, kif muri fl-Illustrazzjoni:

— Unità tal-provvista tal-enerġija (jiġifieri provvista ta' vultaġġ varjabbli);

— Żewġ Multi Miters Diġitali, wieħed għall-kejl tal-kurrent dirett, u l-ieħor għall-kejl tal-vultaġġ tal-kurrent dirett. Fl-Illustrazzjoni tintwera konfigurazzjoni possibbli ta' test, fejn il-miter tal-vultaġġ tal-kurrent dirett huwa integrat fl-unità għall-provvista tal-enerġija.




**Konfigurazzjoni tat-test**

5. KEJL U DETERMINAZZJONI TAL-IFFRANKAR TA' ENERĠIJA

Għal kull tip ta' dawl LED estern ta' effiċjenza għolja inkluż fil-pakkett, il-kejl tal-kurrent għandu jsir kif muri fl-Illustrazzjoni b'vultaġġ ta' 13,2 V. Modulu(i) LED imħaddem(imħaddma) b'ġer tal-kontroll ta' sors tad-dawl elettroniku għandu(għandhom) jitkejjel(jitkejlu) kif speċifikat mill-applikant.

Il-manifatur jista' jitlob li jsir kejl ieħor tal-kurrent f'vultaġġi addizzjonali oħra. F'dak il-każ, il-manifattur irid jgħaddi lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip dokumentazzjoni verifikata dwar il-ħtieġa li jitwettaq dan il-kejl addizzjonali. Il-kalkoli tal-kurrenti f'kull wieħed minn dawn il-voltaġġi addizzjonali għandhom jitwettqu b'mod konsekuttiv għal mill-inqas ħames (5) darbiet. Il-vultaġġi installati eżatti u l-kurrent imkejjel iridu jitniżżlu f'erba' ċifri deċimali.

([1]) E/ECE/324/Rev.2/Add.111/Rev.3 — E/ECE/TRANS/505/Rev.2/Add.111/Rev.3, id-9 ta' Jannar 2013.

Il-konsum tal-enerġija għandu jiġi determinat billi l-vultaġġ installat jiġi mmultiplikat bil-kurrent imkejjel. Il-medja ta' konsum tal-enerġija għal kull dawl LED estern ta' effiċjenza għolja ($\overline{P_{EI_i}}$) għandha tiġi kkalkulata. Kull valur irid jitniżżel f'erba' (4) ċifri deċimali. Meta mutur ta' veloċità gradwali jew kontrollur elettroniku jintuża għall-provvista tal-elettriku fil-fanali LED, it-tagħbija elettrika ta' din il-parti tal-komponent trid tiġi eskluża mill-kejl.

L-iffrankar tal-enerġija ta' kull dawl LED estern ta' effiċjenza għolja ($\Delta P_i$) għandu jiġi kkalkulat billi tintuża l-formula li ġejja:

*Formula 1*

$$\Delta P_i = P_{B_i} - \overline{P_{EI_i}}$$

fejn il-konsum tal-enerġija tad-dawl tal-vetturi ta' referenza korrispondenti huwa definit mit-Tabella 1.

*Tabella 1*

**Il-ħtiġijiet enerġetiċi għat-tipi differenti ta' dwal tal-vetturi ta' referenza**

| Dawl tal-vettura | Enerġija elettrika totali ($P_B$)<br>[W] |
|---|---|
| Il-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi | 137 |
| Il-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin | 150 |
| Il-fanali ta' quddiem | 12 |
| Id-dwal tal-pjanċi | 12 |
| Il-fanali ta' quddiem kontra ċ-ċpar | 124 |
| Il-fanali ta' wara kontra ċ-ċpar | 26 |
| Il-fanal tal-indikaturi ta' quddiem | 13 |
| Il-fanal tal-indikaturi ta' wara | 13 |
| Il-fanal tar-rivers | 52 |

6. IL-KALKOLU TAL-IFFRANKAR TA' $CO_2$

L-iffrankar totali ta' $CO_2$ tal-pakkett ta' illuminazzjoni għandu jiġi kkalkulat bl-użu tal-Formula 2.

*Formula 2*

$$C_{CO_2} = \left(\sum_{i=1}^{m} \Delta P_i \cdot UF_i\right) \cdot \frac{V_{PE} \cdot CF}{\eta_A \cdot v}$$

fejn

v: Il-veloċità medja tas-sewqan tal-NEDC [km/h], li hija 33,58 km/h

$\eta_A$: L-effiċjenza tal-alternatur [%], li hija ta' 67 %

$V_{Pe}$: Il-konsum tal-enerġija effettiva [l/kWh] kif iddefinit fit-Tabella 2

*Tabella 2*

**Il-konsum ta' enerġija effettiva**

| It-tip ta' magna | Il-konsum ta' enerġija effettiva ($V_{Pe}$) [l/kWh] |
|---|---|
| Petrol | 0,264 |
| Magna petrol bit-turbo | 0,280 |
| Diżil | 0,220 |

CF: Il-fattur ta' konverżjoni (l/100 km) — (g $CO_2$/km) [g $CO_2$/l] kif iddefinit fit-Tabella 3

*Tabella 3*

**Il-fattur ta' konverżjoni tal-fjuwil**

| Tip ta' fjuwil | Il-fattur ta' konverżjoni (l/100 km) — (g $CO_2$/km) (CF) [g $CO_2$/l] |
|---|---|
| Petrol | 2 330 |
| Diżil | 2 640 |

UF: Il-fattur tal-użu tad-dawl tal-vettura [-] kif definit fit-Tabella 4

*Tabella 4*

**Il-fattur tal-użu għal tipi differenti ta' dwal tal-vetturi**

| Dawl tal-vettura | Il-fattur tal-użu (UF) [-] |
|---|---|
| Il-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi | 0,33 |
| Il-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin | 0,03 |
| Il-fanali ta' quddiem | 0,36 |
| Id-dwal tal-pjanċi | 0,36 |
| Il-fanali ta' quddiem kontra ċ-ċpar | 0,01 |
| Il-fanali ta' wara kontra ċ-ċpar | 0,01 |
| Il-fanal tal-indikaturi ta' quddiem | 0,15 |
| Il-fanal tal-indikaturi ta' wara | 0,15 |
| Il-fanal tar-rivers | 0,01 |

7. IL-KALKOLU TAL-IŻBALL STATISTIKU

L-iżbalji statisiċi fir-riżultati tal-metodoloġija tal-ittestjar ikkawżati mill-kejl għandhom jiġu kkwantifikati. Għal kull dawl LED estern ta' effiċjenza għolja inkluż fil-pakkett, id-devjazzjoni standard tiġi kkalkulata kif definit mill-Formula 3.

*Formula 3*

$$S_{\overline{P_{EI_i}}} = \frac{S_{P_{EI_i}}}{\sqrt{n}} = \sqrt{\frac{\sum_{j=1}^{n} (P_{EI_{ij}} - \overline{P_{EI_i}})^2}{n(n-1)}}$$

fejn:

n: L-għadd ta' drabi ta' kejl tal-kampjun, li huwa mill-inqas ħamsa (5).

Id-devjazzjoni standard tal-konsum tal-enerġija ta' kull dawl LED estern ta' effiċjenza għolja ($S_{\overline{P_{EI_i}}}$) twassal għal żball fl-iffrankar tas-$CO_2$ ($S_{C_{CO_2}}$). Dan l-iżball għandu jiġi kkalkulat permezz tal-Formula 4

*Formula 4*

$$s_{C_{CO_2}} = \sqrt{\sum_{i=1}^{m} \left( \frac{\partial C_{CO_2}}{\partial P_{EI_i}} \cdot s_{\overline{P_{EI_i}}} \right)^2} = \sqrt{\sum_{i=1}^{m} \left( UF_i \cdot s_{\overline{P_{EI_i}}} \right)^2} \cdot \frac{V_{Pe} \cdot CF}{\eta_A \cdot v}$$

8. SINIFIKAT STATISTIKU

Għal kull tip, varjant u verżjoni ta' vettura mgħammra bil-kombinament ta' dwal LED esterni ta' effiċjenza għolja jrid jintwera li l-iżball fl-iffrankar tas-$CO_2$ ikkalkulat skont il-Formula 4 mhuwiex ikbar mid-differenza bejn l-għadd totali ta' $CO_2$ iffrankat u l-limitu minimu ta' ffrankar speċifikat fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 (ara l-Formula 5).

*Formula 5*

$$MT \leq C_{CO_2} - S_{C_{CO_2}}$$

fejn:

MT: Il-limitu minimu [g $CO_2$/km], li huwa ta' 1 g $CO_2$/km

Meta, bħala riżultat tal-kalkolu li juża l-Formula 5, it-total tal-iffrankar ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-pakkett ta' dwal LED esterni ta' effiċjenza għolja jkun taħt il-limitu speċifikat fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011, japplika it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/588

## tal-14 ta' April 2016

## dwar l-approvazzjoni tat-teknoloġija użata fl-alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 Volts bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjoni mressqa mill-fornitur Valeo Equipments Electriques Moteur fit-3 ta' Novembru 2015 għall-approvazzjoni tal-alternatur Valeo ta' effiċjenza għolja b'dijodi ta' effiċjenza għolja, u l-applikazzjoni mressqa mill-fornitur Robert Bosch GmbH fl-10 ta' Ġunju 2015 għall-approvazzjoni tal-alternatur Bosch ta' effiċjenza għolja b'dijodi MOS sinkronizzati (MGD) ġew ivvalutati skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 ([2]) u skont il-Linji Gwida Tekniċi għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009.

(2) L-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni Valeo u fl-applikazzjoni Bosch turi li l-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u fl-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 ġew issodisfati. Bħala riżultat ta' dan, l-alternaturi ta' effiċjenza għolja Valeo u Bosch għandhom ikunu approvati bħala teknoloġiji innovattivi.

(3) Il-Kummissjoni approvat sitt applikazzjonijiet b'rabta ma' teknoloġiji li jikkontribwixxu lejn it-titjib tal-effiċjenza tal-alternaturi permezz tad- Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/341/UE ([3]), 2014/465/UE ([4]), (UE) 2015/158 ([5]), (UE) 2015/295 ([6]) u (UE) 2015/2280 ([7]). Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba mill-valutazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet u mill-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet Valeo u Bosch, intwera b'mod sodisfaċenti u konkluživ li alternatur ta' 12 Volts (12 V) b'effiċjenza minima li tvarja bejn 73,4 % u 74,2 %, skont is-sistema tal-motopropulsjoni, u b'massa li ma taqbiżx il-massa tal-alternatur ta' referenza b'aktar minn massimu ta' 3 kg jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 u jipprovdi tnaqqis fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' mill-inqas 1 g $CO_2$/km meta mqabbel mal-alternatur ta' referenza b'effiċjenza ta' 67 %.

---

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/341/UE tas-27 ta' Ġunju 2013 dwar l-approvazzjoni tal-Alternatur ta' Ġenerazzjoni Effiċjenti Valeo bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 98).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/465/UE tas-16 ta' Lulju 2014 dwar l-approvazzjoni tal-alternatur effiċjenti DENSO bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/341/UE (ĠU L 210, 17.7.2014, p. 17).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/158 tat-30 ta' Jannar 2015 dwar l-approvazzjoni ta' żewġ alternaturi ta' effiċjenza għolja Robert Bosch GmbH bħala t-teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 26, 31.1.2015, p. 31).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/295 tal-24 ta' Frar 2015 dwar l-approvazzjoni tal-alternatur effiċjenti MELCO GXi bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 53, 25.2.2015, p. 11).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2280 tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar l-approvazzjoni tal-alternatur effiċjenti DENSO bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 322, 8.12.2015, p. 64).

(4) Għaldaqstant, huwa xieraq li l-manifatturi jingħataw il-possibbiltà li jiċċertifikaw l-iffrankar tas-$CO_2$ minn alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 V li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li jkunu biss alternaturi li huma konformi ma' dawk il-kundizzjonijiet li jiġu proposti għaċ-ċertifikazzjoni, il-manifattur għandu jipprovdi rapport ta' verifika minn korp ta' verifika indipendenti li jikkonferma l-konformità flimkien mal-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni ppreżentata lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip.

(5) Jekk l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tqis li l-alternatur ta' 12 V ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni, l-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar għandha tiġi miċħuda.

(6) Huwa xieraq li l-metodoloġija tal-ittestjar tiġi approvata biex jiġi ddeterminat l-iffrankar ta' $CO_2$ minn alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 V.

(7) Sabiex jiġi ddeterminat l-iffrankar ta' $CO_2$ minn alternatur ta' effiċjenza għolja ta' 12 V, jeħtieġ li tiġi stabbilita t-teknoloġija ta' referenza li magħha għandu jsir tqabbil biex tiġi vvalutata l-effiċjenza tal-alternatur. Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba, huwa xieraq li alternatur ta' 12 V b'effiċjenza ta' 67 % jitqies bħala teknoloġija ta' referenza.

(8) L-iffrankar minn alternatur ta' effiċjenza għolja ta' 12 V jista' jintwera parzjalment permezz tat-test imsemmi fl-Anness XII għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 ([1]). Għalhekk jeħtieġ li jiġi żgurat li din il-kopertura parzjali tiġi kkunsidrata fil-metodoloġija tal-ittestjar għall-iffrankar ta' $CO_2$ minn alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 V.

(9) Sabiex ikun iffaċilitat użu usa' ta' alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 V f'vetturi ġodda, manifattur għandu jkollu wkoll il-possibbiltà li japplika għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' $CO_2$ minn diversi alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 V permezz ta' applikazzjoni waħda għal ċertifikazzjoni. Madankollu huwa xieraq li jiġi żgurat li meta tintuża din il-possibbiltà jiġi applikat mekkaniżmu li jinċentiva biss l-użu ta' dawk l-alternaturi li joffru l-ogħla effiċjenza.

(10) Bil-għan li jiġi stabbilit il-kodiċi ġenerali tal-ekoinnovazzjoni li għandu jintuża fid-dokumenti tal-approvazzjoni tat-tip rilevanti skont l-Annessi I, VIII u IX tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għandu jiġi speċifikat il-kodiċi individwali li għandu jintuża għat-teknoloġija innovattiva għal alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 V,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni**

It-teknoloġija użata fl-alternatur Valeo ta' effiċjenza għolja b'dijodi ta' effiċjenza għolja u fl-alternatur Bosch ta' effiċjenza għolja b'dijodi MOS sinkronizzati hija approvata bħala teknoloġija innovattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

*Artikolu 2*

**Applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar tas-$CO_2$**

1. Il-manifattur jista' japplika għal ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' $CO_2$ minn alternatur ta' effiċjenza għolja ta' 12 Volts (V) wieħed jew aktar għall-użu f'vetturi $M_1$, bil-kundizzjoni li l-alternatur ikun/l-alternaturi jkunu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-komponent ikun jintuża biss għall-iċċarġjar tal-batterija tal-vettura, u biex jalimenta s-sistema tal-elettriku tal-vettura meta l-magna tal-kombustjoni tagħha tkun operattiva;

(b) il-massa tal-alternatur b'effiċjenza għolja ma taqbiżx il-massa tal-alternatur ta' referenza ta' 7 kg b'aktar minn 3 kg;

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

(c) l-effiċjenza tiegħu tkun ta' mill-inqas:

(i) 73,8 % għall-vetturi li jaħdmu bil-petrol;

(ii) 73,4 % għall-vetturi li jaħdmu bil-petrol bit-turbo;

(iii) 74,2 % għall-vetturi li jaħdmu bid-diżil.

2. Applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar minn alternatur ta' effiċjenza għolja wieħed jew aktar għandha tkun akkumpanjata minn rapport ta' verifika indipendenti li jiċċertifika li l-alternatur huwa jew l-alternaturi huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tiċħad l-applikazzjoni għal ċertifikazzjoni f'każ li jidhrilha li l-alternatur jew alternaturi ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

**Ċertifikazzjoni tal-iffrankar tas-$CO_2$**

1. It-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-użu ta' alternatur ta' effiċjenza għolja msemmi fl-Artikolu 2(1) għandu jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness.

2. Meta manifattur jippreżenta applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar ta' $CO_2$ minn aktar minn alternatur wieħed imsemmi fl-Artikolu 2(1) fir-rigward ta' verżjoni waħda ta' vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tiddetermina liema mill-alternaturi li ġew ittestjati jrendi l-inqas iffrankar ta' $CO_2$, u għandha tirreġistra l-aktar valur baxx fid-dokumentazzjoni rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip. Dak il-valur għandu jkun indikat fiċ-ċertifikat ta' konformità skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011.

*Artikolu 4*

**Kodiċi tal-ekoinnovazzjoni**

Il-kodiċi tal-ekoinnovazzjoni Nru 17 għandu jiddaħħal fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip meta ssir referenza għal din id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**IL-METODOLOĠIJA BIEX JIĠI KKALKULAT L-IFFRANKAR TAS-$CO_2$ MINN ALTERNATUR TA' EFFIĊJENZA GĦOLJA TA' 12 V**

1. INTRODUZZJONI

Sabiex jiġi kkalkulat l-iffrankar tas-$CO_2$ li jista' jiġi attribwit għall-użu ta' alternatur ta' effiċjenza għolja f'vettura tat-tip $M_1$, jeħtieġ li jiġu speċifikati dawn li ġejjin:

(1) il-kundizzjonijiet tal-ittestjar;

(2) it-tagħmir tat-testijiet;

(3) id-determinazzjoni tal-effiċjenza tal-alternatur ta' effiċjenza għolja u tal-alternatur tax-xenarju ta' referenza;

(4) il-kalkolu tal-iffrankar tas-$CO_2$;

(5) Il-kalkolu tal-iżball statistiku.

**Simboli, parametri u unitajiet**

*Simboli bil-Latin*

$C_{CO_2}$ — Iffrankar totali tas-$CO_2$ [g $CO_2$/km]

$CO_2$ — Diossidu tal-karbonju

CF — Il-fattur ta' konverżjoni (l/100 km) — (g $CO_2$/km) [g $CO_2$/l] kif iddefinit fit-Table 3

h — Il-frekwenza kif iddefinita fit-Tabella 1

I — L-intensità tal-kurrent li bih għandu jitwettaq il-kejl [f'A]

m — In-numru ta' kemm il darba tkejjel il-kampjun

M — It-torque [f'Nm]

n — Il-frekwenza tar-rotazzjoni [f'$min^{-1}$] kif iddefinita fit-Tabella 1

P — Il-potenza [f'W]

$s_{\eta_{EI}}$ — Id-devjazzjoni standard tal-effiċjenza tal-alternatur eko-innovattiv [%]

$s_{\overline{\eta_{EI}}}$ — Id-devjazzjoni standard tal-medja tal-effiċjenza tal-alternatur eko-innovattiv [%]

$s_{C_{CO_2}}$ — Id-devjazzjoni standard tal-iffrankar totali tas-$CO_2$ [g $CO_2$/km]

U — Il-vultaġġ tat-test li fih għandu jitwettaq il-kejl [f'V]

v — Il-veloċità medja tas-sewqan taċ-Ċiklu tas-Sewqan Ewropew il-Ġdid (NEDC) [km/h]

$V_{Pe}$ — Il-konsum tal-potenza effettiva [l/kWh] kif iddefinit fit-Table 2

$\frac{\partial C_{CO_2}}{\partial \eta_{EI}}$ — Is-sensittività tal-iffrankar tas-$CO_2$ ikkalkulat b'rabta mal-effiċjenza tal-alternatur eko-innovattiv

*Simboli Griegi*

Δ — Id-differenza

η — L-effiċjenza tal-alternatur ta' referenza [%]

$\eta_{EI}$ — L-effiċjenza tal-alternatur ta' effiċjenza għolja [%]

$\overline{\eta_{EI_i}}$ — L-effiċjenza medja tal-alternatur eko-innovattiv fil-punt tat-tħaddim i [%]

*Simboli miktubin taħt il-vers*

L-indiċi (i) jirreferi għall-punt tat-tħaddim

L-indiċi (j) jirreferi għall-kejl tal-kampjun

EI — Eko-innovattiv

m — Mekkaniku

RW — Il-kundizzjonijiet tal-ħajja reali

TA — Il-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip

B — Ix-xenarju ta' referenza

2. KUNDIZZJONIJIET TAT-TEST

Il-kundizzjonijiet tal-ittestjar għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fl-istandard tal-ISO 8854:2012 ([1]).

**Tagħmir tat-test**

It-tagħmir tat-test għandu jkun skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-istandard tal-ISO 8854:2012.

3. KEJL U DETERMINAZZJONI TAL-EFFIĊJENZA

L-effiċjenza tal-alternatur ta' effiċjenza għolja għandha tiġi stabbilita skont l-istandard tal-ISO 8854:2012, ħlief għall-elementi speċifikati f'dan il-paragrafu.

Il-kejl għandu jsir f'diversi punti tat-tħaddim i, kif iddefinit fit-Table 1. L-intensità tal-kurrent tal-alternatur hija ddefinita bħala nofs il-kurrent nominali għall-punti kollha tat-tħaddim. Għal kull veloċità, il-vultaġġ u l-kurrent tal-output tal-alternatur għandhom jinżammu kostanti, u l-vultaġġ għandu jkun dejjem ta' 14,3 V.

*Tabella 1*

**Punti ta' tħaddim**

| Il-punt ta' tħaddim<br>i | Il-ħin ta' żamma<br>[s] | Il-frekwenza tar-rotazzjoni<br>$n_i$ [$min^{-1}$] | Il-frekwenza<br>$h_i$ |
|---|---|---|---|
| 1 | 1 200 | 1 800 | 0,25 |
| 2 | 1 200 | 3 000 | 0,40 |
| 3 | 600 | 6 000 | 0,25 |
| 4 | 300 | 10 000 | 0,10 |

L-effiċjenza għandha tiġi kkalkulata skont il-Formula 1.

*Formula 1*

$$\eta_{EI_i} = \frac{60 \cdot U_i \cdot I_i}{2\pi \cdot M_i \cdot n_i} \cdot 100$$

Il-kejl kollu tal-effiċjenza għandu jsir b'mod konsekuttiv għal mill-inqas ħames (5) darbiet. Għandu jiġi kkalkulat il-kejl medju f'kull punt tat-tħaddim ($\overline{\eta_{EI_i}}$).

([1]) L-istandard tal-ISO 8854:2012 Vetturi tat-triq — Alternaturi bir-regolaturi — Metodi ta' ttestjar u rekwiżiti ġenerali. Numru ta' referenza ISO 8854:2012, ippubblikat fl-1 ta' Ġunju 2012.

L-effiċjenza tal-alternatur eko-innovattiv ($\eta_{EI}$) għandha tiġi kkalkulata skont il-Formula 2.

*Formula 2*

$$\eta_{EI} = \sum_{i=1}^{4} h_i \cdot \overline{\eta_{EI_i}}$$

L-alternatur ta' effiċjenza għolja jwassal biex tiġi ffrankata l-potenza mekkanika fil-kundizzjonijiet tal-ħajja reali ($\Delta P_{mRW}$) u fil-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip ($\Delta P_{mTA}$) kif iddefinit fil-Formula 3.

*Formula 3*

$$\Delta P_m = \Delta P_{mRW} - \Delta P_{mTA}$$

Fejn il-potenza mekkanika ffrankata bil-kundizzjonijiet tal-ħajja reali ($\Delta P_{mRW}$) tiġi kkalkulata skont il-Formula 4 u l-potenza mekkanika ffrankata bil-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip ($\Delta P_{mTA}$) tiġi kkalkulata skont il-Formula 5.

*Formula 4*

$$\Delta P_{mRW} = \frac{P_{RW}}{\eta_B} - \frac{P_{RW}}{\eta_{EI}}$$

*Formula 5*

$$\Delta P_{mTA} = \frac{P_{TA}}{\eta_B} - \frac{P_{TA}}{\eta_{EI}}$$

fejn

$P_{RW}$: Ir-rekwiżit tal-potenza bil-kundizzjonijiet "tal-ħajja reali" [fW], jiġifieri 750 W

$P_{TA}$: Ir-rekwiżit tal-potenza bil-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip [fW], jiġifieri 350 W

$\eta_B$: L-effiċjenza tal-alternatur ta' referenza [%], jiġifieri 67 %

**Il-kalkolu tal-iffrankar tas-$CO_2$**

L-iffrankar tas-$CO_2$ tal-alternatur ta' effiċjenza għolja għandu jiġi kkalkulat billi tintuża l-formula li ġejja.

*Formula 6*

$$C_{CO_2} = \Delta P_m \cdot \frac{V_{Pe} \cdot CF}{v}$$

fejn

v: Il-veloċità medja tas-sewqan tal-NEDC [km/h], li hija 33,58 km/h

$V_{Pe}$: Huwa l-konsum tal-potenza effettiva kif iddefinit fit-Table 2 li ġejja

*Tabella 2*

**Il-konsum tal-potenza effettiva**

| It-tip ta' magna | Il-konsum tal-potenza effettiva ($V_{Pe}$) [l/kWh] |
|---|---|
| Petrol | 0,264 |
| Magna petrol bit-turbo | 0,280 |
| Diżil | 0,220 |

CF: Huwa l-fattur speċifikat fit-Table 3 li ġejja

*Tabella 3*

**Il-fattur ta' konverżjoni tal-fjuwil**

| Tip ta' karburant | Il-fattur ta' konverżjoni (l/100 km) — (g $CO_2$/km) (CF) [g $CO_2$/l] |
|---|---|
| Petrol | 2 330 |
| Diżil | 2 640 |

**Kalkolu tal-livell tal-iżball statistiku**

Għandhom jiġu kkwantifikati l-iżbalji statistiċi fir-riżultati tal-metodoloġija tal-ittestjar ikkawżati mill-kejl. Id-devjazzjoni standard għandha tiġi kkalkulata għal kull punt tat-tħaddim kif iddefinit mill-formula li ġejja:

*Formula 7*

$$s_{\overline{\eta_{EI_i}}} = \frac{s_{\eta_{EI_i}}}{\sqrt{m}} = \sqrt{\frac{\sum_{j=1}^{m} \left(\eta_{EI_{i_j}} - \overline{\eta_{EI_i}}\right)^2}{m(m-1)}}$$

Id-devjazzjoni standard tal-valur tal-effiċjenza tal-alternatur ta' effiċjenza għolja ($s_{\eta_{EI}}$) tiġi kkalkulata skont il-formula 8:

*Formula 8*

$$s_{\eta_{EI}} = \sqrt{\sum_{i=1}^{4} h_i \cdot s_{\overline{\eta_{EI_i}}}^2}$$

Id-devjazzjoni standard tal-effiċjenza tal-alternatur ($s_{\eta_{EI}}$) twassal għal żball fl-iffrankar tas-$CO_2$ ($s_{C_{CO_2}}$). Dak l-iżball għandu jiġi kkalkulat skont il-Formula 9:

*Formula 9*

$$s_{C_{CO_2}} = \sqrt{\left(\frac{\partial C_{CO_2}}{\partial \eta_{EI}} \cdot s_{\eta_{EI}}\right)^2} = \frac{(P_{RW} - P_{TA})}{\eta_{EI}^2} \cdot \frac{V_{Pe} \cdot CF}{v} \cdot s_{\eta_{EI}}$$

**Sinifikat statistiku**

Għal kull tip, varjant u verżjoni ta' vettura mgħammra bl-alternatur ta' effiċjenza għolja jrid jintwera li l-iżball fl-iffrankar tas-$CO_2$ ikkalkulat skont il-Formula 9 mhuwiex ikbar mid-differenza bejn l-għadd totali ta' $CO_2$ iffrankat u l-limitu minimu ta' ffrankar speċifikat fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 (ara l-Formula 10).

*Formula 10*

$$MT \leq C_{CO_2} - s_{C_{CO_2}}$$

fejn:

MT: Il-limitu minimu [g $CO_2$/km], li huwa ta' 1 g $CO_2$/km

**Rapport tat-test u ta' valutazzjoni**

Ir-rapport għandu jinkludi:

— Il-mudell u l-massa tal-alternaturi ttestjati

— Deskrizzjoni tal-bank tat-test

— Ir-riżultati tat-test (valuri mkejla)

— Ir-riżultati kkalkulati u l-formuli korrispondenti

**L-alternatur ta' effiċjenza għolja li għandu jiġi installat fil-vetturi**

L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tiċċertifika l-iffrankar tas-$CO_2$ abbażi tal-kejl relatat mal-alternatur ta' effiċjenza għolja u mal-alternatur ta' referenza billi tuża l-metodoloġija tal-ittestjar stabbilita f'dan l-Anness. F'każ li jiġu ffrankati inqas emissjonijiet tas-$CO_2$ mil-limitu speċifikat fl-Artikolu 9(1), japplika t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011.

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fejn is-sistemi rilevanti għadhom ma sarux operazzjonali u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 69 tal-15 ta' Marzu 2016)*

F'paġna 39, l-Anness 2, l-Anness 3, l-Anness 4 u l-Anness 5 jinbidlu kif ġej:

*ANNESS 2*

**UNJONI EWROPEA**

**APPLIKAZZJONI GĦAL INFORMAZZJONI VINKOLANTI DWAR IT-TARIFFI (BTI)**

<table>
<tr><td>1. Applikant (isem sħiħ u indirizz)<br><br>Numru tat-telefon:<br>Numru tal-fax<br>ID Doganali/Nru EORI:</td><td>Għall-użu uffiċjali<br>Numru tar-reġistrazzjoni:<br>Post tal-Irċevuta:<br>Data tal-Irċevuta:<br>Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐<br>Lingwa tal-Applikazzjoni tal-BTI:<br>l-immaġni li għandhom jiġu skennjati:<br>Iva ☐ # … Le ☐<br>Data tal-ħruġ:<br>Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐<br>Uffiċjal tal-ħruġ: ..........................................................................<br>Il-Kampjuni kollha rritornati: ☐</td></tr>
<tr><td>2. Detentur (isem sħiħ u indirizz)<br>(Kunfidenzjali)<br><br>Numru tat-telefon:<br>Numru tal-fax<br>ID Doganali/Nru EORI:</td><td>Nota importanti<br>Bil-firma tad-dikjarazzjoni, l-applikant jaċċetta r-responsabbiltà fir-rigward tal-akkuratezza u l-kompletezza tad-dettalji mogħtija f'din il-formola, kif ukoll fuq kull folja ta' tkomplija mressqa magħha. L-applikant jaċċetta li din l-informazzjoni u kwalunkwe ritratt(i), stampa(i), fuljett(i) eċċ.jistgħu jinħażnu fuq bażi tad-dejta tal-Kummissjoni Ewropea u li d-dejta, inklużi ritratt(i), stampa(i), fuljett (i) eċċ., li tressqu mal-applikazzjoni jew miksuba (jew jistgħu jinkisbu) mill-amministrazzjoni, u li ma jkunux ġew immarkati f'kaxxi 2 u 9 tal-applikazzjoni bħala kunfidenzjali jistgħu jiġu żvelati lill-pubbliku permezz tal-Internet.</td></tr>
<tr><td>3. Aġent jew Rappreżentant (isem sħiħ u indirizz)<br><br>Numru tat-telefon:<br>Numru tal-fax<br>ID Doganali/Nru EORI:</td><td>4. Ħruġ mill-ġdid ta' BTI<br>Jekk qed tapplika għall-ħruġ mill-ġdid ta' BTI, jekk jogħġbok imla din il-kaxxa.<br>Numru ta' Referenza tal-BTI:<br>Validu minn:<br>Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐<br>Kodiċi tan-Nomenklatura: ..............................................................</td></tr>
<tr><td rowspan="2">5. In-Nomenklatura Doganali<br>Jekk jogħġbok indika taħt liema nomenklatura għandhom jiġu kklassifikati l-oġġeti:<br>☐ Sistema armonizzata (HS)<br>☐ Nomenklatura Magħquda (NM)<br>☐ TARIC<br>☐ Nomenklatura tar-rifużjoni<br>☐ Oħra (Speċifika): ..............................................................</td><td>6. It-tip ta' tranżazzjoni<br>Din l-applikazzjoni marbuta ma' importazzjoni jew esportaz-zjoni li mistennija li sseħħ verament?<br>Iva ☐ Le ☐</td></tr>
<tr><td>7. Il-klassifikazzjoni prevista<br>Jekk jogħġbok indika taħt liema nomenklatura għandhom jiġu kklassifikati l-oġġetti.<br>Kodiċi tan-Nomenklatura: ..............................................................</td></tr>
<tr><td colspan="2">8. Deskrizzjoni tal-oġġetti<br>Inkludi fejn huwa meħtieġ, il-kompożizzjoni preċiża tal-oġġetti, il-metodu ta' analiżi użat, it-tip ta' proċess ta' manifattura li jkunu għaddew minnha, il-valur, inklużi l-komponenti, l-użu ta' dan il-prodott, l-isem kummerċjali tas-soltu u fejn xieraq, l-ippakkeġġjar għall-bejgħ bl-imnut fil-każ ta' settijiet ta' prodotti (jekk jogħġbok uża folja separata jekk aktar spazju huwa meħtieġ).</td></tr>
</table>

**9. Denominazzjoni kummerċjali u t-tagħrif addizzjonali** (*) (Kunfidenzjali)

**10. Kampjuni, eċċ.**

Jekk jogħġbok indika liema minn dawn li ġejjin jiġu mehmuża mal-applikazzjoni tiegħek (fejn xieraq).

Deskrizzjoni

☐ Fuljetti

☐ Ritratti

☐ Kampjuni

☐ Oħrajn

Tixtieq li l-kampjuni tiegħek jintbagħtu lura?

Iva ☐ Le ☐

Il-kostijiet speċjali mġarrba mill-awtoritajiet Doganali bħala riżultat ta' analiżi, rapporti tal-esperti jew ir-ritorn ta' kampjuni, jistgħu jiġu mitluba mill-applikant.

**11. Applikazzjonijiet oħra tal-BTI** (*) **u BTI oħra miżmuma** (*)

Jekk jogħġbok indika jekk inti applikajt għal, jew jekk inħarġitlekx BTI għal oġġetti identiċi jew simili f'uffiċċji doganali oħra jew fi Stati Membri oħra.

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, agħti d-dettalji u ehmeż fotokopja tal-BTI:

| | |
|---|---|
| Il-pajjiż tal-applikazzjoni: | Il-pajjiż tal-applikazzjoni: |
| Il-post tal-applikazzjoni: | Il-post tal-applikazzjoni: |
| Data tal-Applikazzjoni: | Data tal-applikazzjoni: |
| Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐ | Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐ |
| Ir-referenza tal-BTI: | Ir-referenza tal-BTI: |
| Data tal-bidu tal-Validità: | Data tal-bidu tal-validità: |
| Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐ | Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐ |
| Kodiċi tan-Nomenklatura: | Kodiċi tan-Nomenklatura: |

**12. BTI li nħarġet għal Detenturi oħra** (*)

Jekk jogħġbok indika jekk taf li hemm BTI għal prodotti identiċi jew simili li diġà nħarġu lil detenturi oħra.

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

| | |
|---|---|
| Il-pajjiż tal-ħruġ: | Il-pajjiż tal-ħruġ: |
| Ir-referenza tal-BTI: | Ir-referenza tal-BTI: |
| Data tal-bidu tal-validità: | Data tal-bidu tal-validità: |
| Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐ | Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐ |
| Kodiċi tan-Nomenklatura: | Kodiċi tan-Nomenklatura: |

**13. Data u Firma**

Referenza tiegħek:

Data:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

Firma:

**Għall-Użu Uffiċjali:**

(*) *Jekk jogħġbok uża folja separata jekk teħtieġ aktar spazju.*

*ANNESS 3*

**UNJONI EWROPEA - DEĊIŻJONI DWAR INFORMAZZJONI TA' TARIFFA VINKOLANTI** **BTI**

1

KOPJA GĦAD-DETENTUR

1

**1. Awtorità doganali kompetenti**

**2. Ir-referenza tal-BTI**

**3. Applikant (isem u indirizz)** kunfidenzjali

**4. Data tal-bidu tal-validità**

**Avviż importanti**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill din il-BTI tibqa' valida għal 3 snin mid-data tal-bidu tal-validità.

L-informazzjoni pprovduta se tkun maħżuna fuq dejtabase tal-Kummissjoni Ewropea għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) 2015/2447 u d-dejta tad-deċiżjoni dwar il-BTI, inklużi kwalunkwe ritratti, stampi, fuljetti, eċċ., iżda bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni li tinsab fil-kaxxi 3 u 8, tista' tkun żvelata lill-pubbliku permezz tal-Internet.

Id-detentur għandu jkollu d-dritt li jappella kontra din il-BTI.

**5. Dejta u referenza tal-applikazzjoni**

**6. Il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-nomenklatura doganali**

**7. Deskrizzjoni tal-oġġetti**

**8. Denominazzjoni kummerċjali u t-tagħrif addizzjonali** kunfidenzjali

**9. Il-ġustifikazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti**

**10. Din id-deċiżjoni dwar il-BTI inħarġet abbażi tal-materjal li ġej, ipprovdut mill-applikant**

Deskrizzjoni ☐ Fuljetti ☐ Ritratti ☐ Kampjuni ☐ Oħra ☐

Post: Firma

Data: Timbru

**UNJONI EWROPEA - DEĊIŻJONI DWAR INFORMAZZJONI TA' TARIFFA VINKOLANTI** **BTI**

2

KOPJA GĦALL-KUMMISSJONI

2

**1. Awtorità doganali kompetenti**

**2. Ir-referenza tal-BTI**

**3. Applikant (isem u indirizz)** kunfidenzjali

**4. Data tal-bidu tal-validità**

**Avviż importanti**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artiko-lu 34(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill din il-BTI tibqa' valida għal 3 snin mid-data tal-bidu tal-validità.

L-informazzjoni pprovduta se tkun maħżuna fuq dejtabase tal-Kummissjoni Ewropea għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) 2015/2447 u d-dejta tal-BTI, inklużi kwalunkwe ritratti, stampi, fuljetti, eċċ., iżda bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni li tinsab fil-kaxxi 3 u 8, tista' tkun żvelata lill-pubbliku permezz tal-Internet.

Id-detentur għandu jkollu d-dritt li jappella kontra din il-BTI.

**5. Dejta u referenza tal-applikazzjoni**

**6. Il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-nomenklatura doganali**

**7. Deskrizzjoni tal-oġġetti**

**8. Denominazzjoni kummerċjali u t-tagħrif addizzjonali** kunfidenzjali

**9. Il-ġustifikazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti**

**10. Din id-deċiżjoni dwar il-BTI inħarġet abbażi tal-materjal li ġej, ipprovdut mill-applikant**

Deskrizzjoni ☐ Fuljetti ☐ Ritratti ☐ Kampjuni ☐ Oħra ☐

Post: Firma

Data: Timbru

**UNJONI EWROPEA - DEĊIŻJONI DWAR INFORMAZZJONI TA' TARIFFA VINKOLANTI** **BTI**

| | | |
|---|---|---|
| 3<br>KOPJA GĦALL-ISTAT MEMBRU<br>3 | **1. Awtorità doganali kompetenti** | **2. Ir-referenza tal-BTI** |
| | **3. Applikant (isem u indirizz)** kunfidenzjali | **4. Data tal-bidu tal-validità** |
| | **Avviż importanti**<br>Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artiko-lu 34(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill din il-BTI tibqa' valida għal 3 snin mid-data tal-bidu tal-validità.<br>L-informazzjoni pprovduta se tkun maħżuna fuq dejtabase tal-Kummissjoni Ewropea għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) 2015/2447 u d-dejta tal-BTI, inklużi kwalunkwe ritratti, stampi, fuljetti, eċċ., iżda bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni li tinsab fil-kaxxi 3 u 8, tista' tkun żvelata lill-pubbliku permezz tal-Internet.<br>Id-detentur għandu jkollu d-dritt li jappella kontra din il-BTI. | **5. Dejta u referenza tal-applikazzjoni**<br>**6. Il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-nomenklatura doganali** |
| | **7. Deskrizzjoni tal-oġġetti** | |
| | **8. Denominazzjoni kummerċjali u t-tagħrif addizzjonali** kunfidenzjali | |
| | **9. Il-ġustifikazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti** | |
| | **10. Din id-deċiżjoni dwar il-BTI inħarġet abbażi tal-materjal li ġej, ipprovdut mill-applikant**<br>Deskrizzjoni ☐ Fuljetti ☐ Ritratti ☐ Kampjuni ☐ Oħra ☐<br>Post: Firma<br>Data: Timbru | |

**UNJONI EWROPEA - DEĊIŻJONI DWAR INFORMAZZJONI TA' TARIFFA VINKOLANTI** **BTI**

**4**

**KOPJA GĦALL-KUMMISSJONI**

**4**

11. L-awtorità doganali kompetenti li għandha tiġi kkuntattjata għal informazzjoni addizzjonali

(isem, indirizz, telefon, telefax)

12. Ir-referenza tal-BTI

13. Lingwa

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| bg | ☐ | fi | ☐ | nl | ☐ |
| cs | ☐ | fr | ☐ | pl | ☐ |
| da | ☐ | hr | ☐ | pt | ☐ |
| de | ☐ | hu | ☐ | ro | ☐ |
| el | ☐ | it | ☐ | sk | ☐ |
| en | ☐ | lt | ☐ | sl | ☐ |
| es | ☐ | lv | ☐ | sv | ☐ |
| et | ☐ | mt | ☐ | | |

14. Kliem tat-tiftix:

**UNJONI EWROPEA - DEĊIŻJONI DWAR INFORMAZZJONI TA' TARIFFA VINKOLANTI** **BTI**

| | | |
|---|---|---|
| 5 | 11. L-awtorità doganali kompetenti li għandha tiġi kkuntattjata għal informazzjoni addizzjonali<br>(isem, indirizz, telefon, telefax) | 12. Ir-referenza tal-BTI |
| **KOPJA GĦALL-ISTAT MEMBRU** | | 13. Lingwa<br>bg ☐ fi ☐ nl ☐<br>cs ☐ fr ☐ pl ☐<br>da ☐ hr ☐ pt ☐<br>de ☐ hu ☐ ro ☐<br>el ☐ it ☐ sk ☐<br>en ☐ lt ☐ sl ☐<br>es ☐ lv ☐ sv ☐<br>et ☐ mt ☐ |
| 5 | | |
| | 14. Kliem tat-tiftix: | |

*ANNESS 4*

**UNJONI EWROPEA**

**APPLIKAZZJONI GĦAL DEĊIŻJONI TA' INFORMAZZJONI VINKOLANTI DWAR IT-TARIFFI (BTI)**

**1. Applikant** (obbligatorju)

Isem: (kunfidenzjali)

Triq u numru:

Pajjiż: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Kodiċi postali: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Belt:

**Identifikazzjoni tal-applikant:**

Nru. EORI:

☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

**Għall-użu uffiċjali**

Numru tar-reġistrazzjoni:

☐☐ ☐☐☐☐ ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Numru ta' referenza nazzjonali (jekk hemm):

Post tal-irċevuta:

Data tal-irċevuta:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

Status tal-applikazzjoni: ☐☐☐

**2. Il-post fejn jinżammu jew huma aċċessibbli l-kontijiet ewlenin għall-finijiet doganali**

(jekk differenti minn dak ta' hawn fuq)

Triq u numru:

Pajjiż: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Kodiċi postali: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Belt:

**6. It-tip ta' tranżazzjoni** (obbligatorju)

Jekk jogħġbok indika jekk hux behsiebek tuża d-deċiżjoni dwar il-BTI li tirriżulta minn din l-applikazzjoni għal waħda mill-proċeduri doganali li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera | Iva ☐ | Le ☐ |
| Proċeduri speċjali (Speċifika) .................................... | Iva ☐ | Le ☐ |
| Esportazzjoni | Iva ☐ | Le ☐ |

**3. Ir-rappreżentant doganali** (jekk applikabbli)

Isem:

Triq u numru:

Pajjiż: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Kodiċi postali: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Belt:

**L-identifikazzjoni tar-rappreżentant:**

Nru. EORI:

☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

**7. In-Nomenklatura Doganali** (obbligatorju)

Jekk jogħġbok indika taħt liema nomenklatura għandhom jiġu kklassifikati l-oġġeti:

☐ Nomenklatura Magħquda (NM)

☐ TARIC

☐ Nomenklatura tar-rifużjoni

☐ Oħra (Speċifika): ..................................................................

**4. Il-persuna ta' kuntatt responsabbli għall-applikazzjoni**

(obbligatorju)

Isem:

Numru tat-telefown:

Numru tal-fax

Indirizz tal-posta elettronika:

**5. Ħruġ mill-ġdid tad-deċiżjoni dwar il-BTI** (obbligatorju)

Indika jekk l-applikazzjoni tikkonċerna ħruġ mill-ġdid ta' deċiżjoni dwar il-BTI.

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, ipprovdi d-dettalji rilevanti.

In-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar il-BTI:

Validu minn:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐

Jum ☐☐

Kodiċi tal-Prodott Bażiku:

**8. Kodiċi tal-prodott bażiku**

Indika l-kodiċi tan-nomenklatura doganali li taħtha l-applikant jistenna li jkunu klassifikati l-oġġetti.

**9. Deskrizzjoni tal-oġġetti** (obbligatorju)

Deskrizjoni dettaljata tal-oġġetti li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom u d-determinazzjoni tal-klassifika tagħhom fin-nomenklatura doganali. Din għandha tinkludi wkoll dettalji dwar il-kompożizzjoni tal-oġġetti u kwalunkwe metodi ta' eżami użati għal din id-determinazzjoni, meta l-klassifika tkun tiddependi minnha. Kwalunkwe dettalji li l-applikant iqisħom bħala kunfidenzjali għandhom jitniżżlu f'8. Denominazzjoni kummerċjali u t-tagħrif addizzjonali.

**10. Denominazzjoni kummerċjali u t-tagħrif addizzjonali** (*) (kunfidenzjali)

Indika kwalunkwe dettalji li l-applikant jixtieq li jitqiesu bħala kunfidenzjali, inkluż il-marka kummerċjali u n-numru tal-mudell tal-oġġetti.

**11. Kampjuni, eċċ.**

Indika jekk hemmx kampjuni, ritratti, disinji, katalogi jew dokumenti oħra disponibbli li jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet doganali biex jiddeterminaw il-klassifikazzjoni korretta tal-oġġetti fin-nomenklatura doganali, mehmuża bħala annessi.

Kampjuni ☐ Ritratti ☐ Fuljetti ☐ Oħrajn ☐

Tixtieq li l-kampjuni tiegħek jintbagħtu lura?

Iva ☐ Le ☐

Il-kostijiet speċjali mġarrba mill-awtoritajiet Doganali bħala riżultat ta' analiżi, rapporti tal-esperti jew ir-ritorn ta' kampjuni, jistgħu jiġu mitluba mill-applikant.

**12. Applikazzjonijiet oħra tal-BTI u BTI oħra miżmuma**

Jekk jogħġbok indika jekk applikajtx għal, jew jekk inħarġulekx BTIs għal oġġetti identiċi jew simili f'uffiċċji doganali oħra jew fi Stati Membri oħra.

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

Il-pajjiż tal-applikazzjoni: ☐☐

Il-post tal-applikazzjoni:

Data tal-applikazzjoni:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

In-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar il-BTI:

Data tal-bidu tad-deċiżjoni:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

Kodiċi tal-Prodott Bażiku:

Il-pajjiż tal-applikazzjoni: ☐☐

Il-post tal-applikazzjoni:

Data tal-applikazzjoni:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

In-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar il-BTI:

Data tal-bidu tad-deċiżjoni:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

Kodiċi tal-Prodott Bażiku:

**13. Deċiżjonijiet dwar BTIs li nħarġu għal-Detenturi oħra** (obbligatorju)

Jekk jogħġbok indika jekk taf li hemm BTIs għal oġġetti identiċi jew simili li diġà nħarġu lil detenturi oħra.

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

In-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar il-BTI:

Data tal-bidu tad-deċiżjoni:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

Kodiċi tal-Prodott Bażiku:

In-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar il-BTI:

Data tal-bidu tad-deċiżjoni:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

Kodiċi tal-Prodott Bażiku:

**14. Taf b'xi proċedimenti legali jew amministrattivi li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tariffarja pendenti fl-UE, jew deċiżjoni tal-qorti dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffi diġà mogħtija fl-UE, dwar l-oġġetti deskritt fil-kaxxi 9 u 10?**

(obbligatorju)

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

Pajjiż: ☐☐

Isem il-qorti:

L-indirizz tal-qorti:

Numru ta' referenza tal-każ:

**15. Data u Awtentikazzjoni** (obbligatorju)

Data:

Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ Jum ☐☐

Firma:

**Nota importanti**

Meta jawtentifika din l-applikazzjoni, l-applikant jaċċetta r-responsabbiltà fir-rigward tal-akkuratezza u l-kompletezza tad-dejta li tinsab fiha, kif ukoll għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali pprovduta magħha. L-applikant jaċċetta li dawn id-dejta u kwalunkwe ritratt(i), stampa(i), fuljett(i) eċċ.jistgħu jinħażnu fuq bażi tad-dejta tal-Kummissjoni Ewropea u li d-dejta, inklużi ritratt(i), stampa(i), fuljett(i) eċċ., li tressqu ma' din l-applikazzjoni jew miksuba (jew jistgħu jinkisbu) mill-amministrazzjoni, u li ma jkunux ġew immarkati taħt l-elementi tad-dejta Nri 1, 2 u 8 ta' din l-applikazzjoni bħala kunfidenzjali jiġu żvelati lill-pubbliku permezz tal-Internet.

**16. Informazzjoni addizzjonali**

*ANNESS 5*

**UNJONI EWROPEA - DEĊIŻJONI DWAR INFORMAZZJONI TA' TARIFFA VINKOLANTI** **BTI**

| | |
|---|---|
| **1. L-awtorità doganali li tiehu d-deċiżjoni** | **2. In-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar il-BTI**<br>☐☐ ☐☐☐☐ ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐ |
| **3. Detentur** (kunfidenzjali)<br><br>Isem:<br>Triq u numru:<br>Pajjiż: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐<br>Kodiċi postali: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐<br>Belt:<br><br>**Identifikazzjoni tal-applikant:**<br>Nru. EORI:<br>☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐ | **4. Perjodu ta' validità**<br><br>sena xahar jum<br>Data tal-bidu tad-deċiżjoni: ☐☐☐☐ ☐☐ ☐☐<br>Data tal-iskadenza tad-deċiżjoni: ☐☐☐☐ ☐☐ ☐☐<br>Data tat-tmiem tal-użu estiż: ☐☐☐☐ ☐☐ ☐☐<br><br>Kwantità: ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐ ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐<br>Raġuni għall-invalidazzjoni:: ☐☐ |
| **Nota importanti**<br>Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 952/2013 ta' tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill din il-BTI tibqa' valida għal 3 snin mid-data tal-bidu tal-validità.<br>L-informazzjoni pprovduta se tkun maħżuna fuq bażi tad-dejta tal-Kummissjoni Ewropea għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) 2015/2447 u d-dejta tal-BTI, inklużi kwalunkwe ritratti, stampi, fuljetti, eċċ., iżda bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni li tinsab fil-kaxxi 3 u 8, tista' tkun żvelata lill-pubbliku permezz tal-Internet.<br>Id-detentur għandu jkollu d-dritt li jappella kontra din il-BTI. | **5. Data u numru tar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni**<br>sena xahar jum<br>Data: ☐☐☐☐ ☐☐ ☐☐<br>Numru tar-reġistrazzjoni: ☐☐ ☐☐☐☐ ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐<br><br>**6. Kodiċi tal-prodott bażiku** |
| **7. Deskrizzjoni tal-oġġetti** | |
| **8. Denominazzjoni kummerċjali u t-tagħrif addizzjonali** (kunfidenzjali) | |
| **9. Il-ġustifikazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti** | |
| **10. Din id-deċiżjoni dwar il-BTI inħarġet abbażi tal-materjal li ġej, ipprovdut mill-applikant**<br><br>Deskrizzjoni ☐ Fuljetti ☐ Ritratti ☐ Kampjuni ☐ Oħra ☐<br><br>Post: Firma<br>Data: Timbru | |

**UNJONI EWROPEA - DEĊIŻJONI DWAR INFORMAZZJONI TA' TARIFFA VINKOLANTI** **BTI**

**11. Kliem tat-tiftix:**

**12. Stampi**

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT